Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,498, 23 ta' Ottubru, 2009
Taqsima B

A.L. 288 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Institute of Health Care bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery - taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care, ippubblikati bħala Avviż Legali 316 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu f'xi qasam ta' studju offrut fil-Kors. Meta l-għadd ta' studenti jkun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-

applikanti jintgħażlu permezz ta' intervista li ssir minn bord maħtur mill-Bord tal-Istitut li jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri. Il-bord għandu jagħżel lill-applikanti skond dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) il-klassi tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam ta' studju propost; u
(c) il-livell milħuq waqt l-intervista."